## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D

**Appell Numru: 408/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Carmel BRIFFA**

**Illum, 27 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar is-6 ta' Novembru 2023 fil-konfront ta' **Carmel BRIFFA**, iben Salvu u Salvina nee` Zerafa, imwieled il-Pieta`, nhar id-9 ta' Settembru 1963, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 483363(M), li ġie mixli talli:

   Nhar l-14 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (9.00hrs), kif ukoll fil-ħinijiet u l-ġranet ta' qabel ġewwa l-fond Golden Finch, Triq Bice Mizzi Vassallo, f'Santa Luċija:

(i) Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u reġistrat mal-awtorita` kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003, u dik il-persuna qiegħda fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-awtorita` kompetenti għaż-żamma ta' dak l-għasfur skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) tal-L.S. 549.42;

(ii) U aktar talli kien fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' għasfur, jew ta' għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn kampjun, skond is-sub-regolament (1) mingħajr ma żamm fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li dam fil-pussess ta' kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprova, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti bi ksur tar-Regolament 6(3) tal-L.S. 549.42;

(iii) U aktar talli ddispona minn xi għasafar imsemmija f'Regolament 4(1)(e) mingħajr ma talab permess lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li fid-diskrezzjoni tagħha, tawtorizza bil-miktub dak id-disponiment bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-L.S. 549.42;

(iv) Talli ma żammx fil-pussess tiegħu, u għaż-żmien kollu li eżemplari li l-importazzjoni tagħhom taqa' taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, kienu fil-pussess tiegħu, kull permess, ċertifikat u liċenzja li kellhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dawk l-eżemplari u dan bi ksur tar-Regolament 7 tal-L.S. 549.38;

(v) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu xi permess, ċertifikat jew liċenzja skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-

Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora u dan bi ksur tar-Regolament 8(1)(p) tal-L.S. 549.38;

(vi) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar jew munizzjoni mingħajr ma' dik l-arma tan-nar ma kienet approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 5(2);

(vii) U aktar talli naqas milli jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija meta ġew fil-pussess tiegħu l-arma tan-nar jew munizzjon u dan bi ksur tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 41.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e), 6(3) u 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (hekk kif sussegwentement emendat), ir-Regolamenti 7 u 8(1)(p) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.38 u l-Artikoli 5(1), 41, u l-ewwel proviso tas-subartikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat Carmel BRIFFA (illum l-appellant), filwaqt illi sabet lill-istess imputat ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' elfejn ewro (€2000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas b'rati mensili u konsekutivi ta' mitt ewro (€100) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, il-Qorti ordnat illi l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi

dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx, jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

A tenur tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u a tenur tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* inkluż tal-arma tal-marka Webley SN833721.

Fit-termini tar-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat), il-Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Carmel BRIFFA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex:

"*Tikkonferma is-sentenza appellata fejn ma sabitux hati tat-tielet akkuza. Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija fejn sabitu hati tal-kumplament tal-akkuzi u konsegwentement, tilliberah mill-akkuzi numru wiehed, tnejn, erba', hamsa, sitta u seba'. B'hekk jiġi liberat minn kull ħtija u piena.*

*B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa mposta.*"

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi fir-risposta tagħha, l-Avukat Ġenerali wieġbet għall-appell tal-appellant billi sostniet illi din il-Qorti għandha tiċħad dan l-appell fl-intier tiegħu u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Novembru 2023.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma nhar l-20 ta' Mejju 2024, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tad-difiża dwar l-appell, fil-waqt illi Dr. Daniel Vancell

għall-Avukat Ġenerali ddikjara illi kien qed jistrieħ fuq ir-risposta tal-Avukat Ġenerali.

## F. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali, jirriżulta illi nhar is-27 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tal-10:45hrs, il-Pulizija marru fil-fond tal-appellant, bl-indirizz 'Golden Finch', Triq Bice Mizzi Vassallo, Santa Luċija u dan fuq skorta ta' mandat ta' arrest u tfittxija maħruġ mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella in konnessjoni ma' qtil u pussess ta' tajr protett. Kif waslu fuq il-post, il-Pulizija sabu lill-appellant, li ngħata kopja tal-mandat maħruġ fil-konfront tiegħu, u ġie mgħarraf bil-kontenut tiegħu, kif ukoll id-dritt tiegħu għall-assistenza legali, liema dritt huwa eżerċitah billi tkellem mal-Avukat Dr. Alexander Miruzzi privatament. Wara li l-appellant ikkonsulta mal-avukat tiegħu, saret tfittxija fil-garaxx, li kien jinsab fuq in-naħa ta' wara tar-residenza tal-appellant, ġewwa Triq M. Strickland, fejn il-Pulizija sabet *freezer*, li fiha kien hemm tajr kaċċabbli u vettrina bl-għasafar ibbalzmati, liema vettrina ġiet issiġillata sabiex eventwalment isiru l-verifiki fuq it-tjur min-naħa tal-Uffiċjali tal-*WBRU* u tal-*ERA*. Fl-istess garaxx instabu wkoll tliet armi tan-nar, ossia, Luigi Franchi T23195, Perazzi 81396 u Perazzi 137331.

7. Jirriżulta wkoll illi t-tfittxija kompliet fir-residenza tal-appellant, fejn f'kamra kif titla' t-taraġ, il-Pulizija sabu tliet vettrini oħra bit-tajr ibbalzmat, liema vettrini wkoll ġew issiġilati għas-sussegwenti verifiki mir-rapprezentanti tal-Uffiċjali tal-*WBRU* u tal-*ERA*. Kien hemm ukoll vettrina oħra, li fiha nstabu armi tan-nar maqfula, u ċioe` Pedretti 0202148, Luigi Franchi T06868, Luigi Franchi T19043, Browning 15549, u Investarm 558630. Fl-istess vettrina nstabet ukoll arma tan-nar tal-marka Webley SN 833721, li minn verifiki illi saru mill-Pulizija, rriżulta li ma kinitx reġistrata f'isem l-appellant. Fir-rigward, l-appellant stqarr illi din l-arma kien wiritha mingħand ħuh Joseph Briffa, wara mewtu u mistoqsi jekk kienx fil-pussess ta' xi dokumentazzjoni in konnessjoni mal-istess arma, huwa stqarr illi ma kienx jaf, peress illi din kienet ġiet għandu b'wirt. Minn verifiċi ulterjuri illi saru mill-Pulizija mal-*Weapons Office* waqt illi kienu fuq il-post, irriżulta illi din l-arma ma

kienet reġistrata fuq l-ebda persuna. Għalhekk din ġiet elevata mingħand l-appellant, li ngħata riċevuta għall-istess, liema riċevuta huwa ma ffirmax għaliha. F'dan l-istadju, huwa ġie nfurmat illi kienu se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu rigward il-pussess tal-arma mhux reġistrata, u illi iżjed 'il quddiem, kienet se ssir verifika dwar it-tajr.

8. Jirriżulta in oltre illi nhar l-14 ta' Ottubru 2021, PS 130 Roderick Farrugia reġa' mar ġewwa l-istess residenza flimkien mal-Uffiċjali tal-*ERA*, Gilbert Haber u Stefan Azzopardi, u l-Uffiċjali tal-*WBRU* Cassie Grech u Nicholas Grech, fejn ġew identifikati t-tajr kollha fil-pussess tal-appellant, u dan wara illi l-istess appellant reġa' ngħata d-dritt tal-assistenza legali, għal-liema wieġeb illi diġa` kien tkellem mal-avukat. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Stefan Azzopardi, illi l-appellant ingħata d-dritt illi ma jweġibx għad-domandi li kienu se jsirulu. Mir-riċerka li għamlet l-*WBRU*, irriżulta illi l-appellant kellu żewġ dikjarazzjonijiet ta' tajr ibbalzmat reġistrati fuq ismu, waħda tas-sena 1998 u oħra tas-sena 2003, kif ukoll applikazzjoni sabiex isir trasferiment lill-appellant tal-kollezzjoni ta' Alexander Briffa, ħu l-appellant, li ġie nieqes. Irriżultat ukoll dikjarazzjoni reġistrata fuq l-istess Alexander Briffa tas-sena 2003, li kienet tirreferi għal din il-kollezzjoni. Hekk kif il-proċess ta' identifikazzjoni ġie komplut, l-Uffiċjali fuq il-post talbu lill-appellant għal dokumenti li huwa seta' kellu in kwantu dan it-tajr, bl-appellant jipprovdi l-istess dokumentazzjoni li kienet fil-pussess tal-*WBRU* ossia ż-żewġ dikjarazzjonijiet tiegħu tas-snin 1998 u 2003 u l-applikazzjoni tat-trasferiment lilu tal-kollezzjoni ta' ħuh tas-sena 2018, filwaqt illi spjega illi ħuh għaddielu din il-kollezzjoni stante li ma kienx fi stat tajjeb ta' saħħa. F'dan l-istadju saru l-verifiki tal-għasafar kollha li nstabu fuq il-post, fejn b'kollox instabu 312-il għasfur, b'231 għasfur jiġu verifikati mad-dikjarazzjonijiet li kienu saru mill-appellant u minn ħuh Alexander Briffa. Ħdax-il għasfur ma nstabux fuq dawn id-dikjarazzjonijiet u għalhekk ġew elevati, filwaqt illi ngħatat riċevuta tagħhom lill-istess appellant, li għal darb'oħra għażel li ma jiffirmahiex. Minn dawn tal-aħħar, tliet għasafar kienu skedati taħt l-Iskeda I, filwaqt illi t-tmienja l-oħra rriżulta illi ma jinstabux b'mod naturali f'territorju Ewropew, u għaldaqstant sabiex jiġu mportati kienet meħtieġa dokumentazzjoni speċifika.

9. Illi nhar it-3 ta' Awwissu 2022, bdew il-proċeduri kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kif ingħad, nhar is-6 ta' Novembru 2023, ingħatat is-sentenza appellata fil-konfront tiegħu.

10. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant isostni illi sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha kontra tiegħu, kellu jirriżulta illi t-tajr u l-arma kienu fil-pussess tiegħu nhar l-14 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tad-9.00 a.m., kif ukoll fil-ħinijiet u l-ġranet ta' qabel u dan fit-termini taċ-ċitazzjoni odjerna. Isostni wkoll l-appellant illi l-arma ġiet elevata mir-residenza tiegħu nhar is-27 ta' Settembru 2021, u għalhekk barra mill-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni. Skont l-istess appellant, wara d-data tas-27 ta' Settembru 2021, lanqas it-tajr ma kien fil-pussess tiegħu u dan għaliex dakinhar tas-27 ta' Settembru 2021, il-vettrini bit-tajr ibbalzmat kienu ġew issiġillati mill-Pulizija fuq il-post, liema siġilli kienu nstabu intatti nhar l-14 ta' Ottubru 2021, u għalhekk huwa ma kellux il-pussess tagħhom, liema pussess jikkonsisti neċessarjament f'element ta' kontroll fuq il-ħaġa.

11. Illi l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta jaqra bil-mod segwenti:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu, jew li jistgħu jingħataw.

12. Illi l-partikolaritajiet taż-żmien u lok meta jitwettaq reat, fejn dawn ikunu jistgħu jingħataw, daqskemm ukoll tal-fatti li jsawru r-reat, għandhom jiġu indikati b'mod inekwivoku fiċ-ċitazzjoni, sabiex l-akkużat ikollu stampa ċara ta' dak li huwa jkun qiegħed jiġi mixli bih u jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.

13. Illi fir-rigward tal-interpretazzjoni li jagħtu l-Qrati tagħna tad-diċitura utilizzata fiċ-ċitazzjoni sabiex tindika l-parametri temporali tal-imputazzjoni, din il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jefrin Grech** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar il-15 ta' April 2021, fejn ingħad is-segwenti:

51.Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi użata b'ċerta attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti temporali speċifiċi. Erba' u għoxrin siegħa jagħmlu jum. Tmienja u għoxrin jum jew disa' u għoxin jum jistgħu jagħmlu x-xahar ta' Frar skont f'liema sena dak ix-xahar jaħbat; daqs kemm tletin jew wieħed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skont il-kalendarju. Mill-banda l-oħra sebat ijiem jagħmlu ġimgħa daqskemm erba' jew ħames ġimgħat, skont kif jaħbtu, jagħmlu wkoll xahar. Iżda bla dubju tnax il-xahar jagħmel sena.

52. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il-jiem u xhur ta' wara. Din il-frażi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il-lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Iżda l-Liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza għal xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il-xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju.

53. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti tista' tinterpreta t-tifsira ta' "xhur" bħala li tinkludi dak l-ispazju temporali bejn Lulju 2006 u l-aħħar jum ta' Ġunju 2007. Iżda mhux aktar minn hekk għaliex mad-dekors tal-aħħar jum ta' Ġunju jidħol fix-xena il-kuntest ta' "sena" jew "snin" – ħaġa li f'dan il-każ tħalliet barra mill-

> lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni kontestata minnha lill-appellat. [sottolinear ta' din il-Qorti]

14. Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano**, deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar is-26 ta' Ottubru 2016, il-Qorti addottat ukoll l-istess linja ta' interpretazzjoni ta' 'ġranet ta' qabel' bħala li tfisser perjodu ta' sebat ijiem rikonduċibbli b'lura mid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni, meta t-terminoloġija utilizzata fiċ-ċitazzjoni taqra 'fid-data (partikolari) u fil-ġranet ta' qabel'. F'dan ir-rigward ingħad hekk:

> 16. Issa, l-Avukat Ġenerali jsostni li l-prosekuzzjoni ġabet provi skjaċċanti li juru mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-appellat ma kellu l-ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jarmi terrapien fil-baħar. Qabel xejn, pero`, irid jiġi stabbilit jekk saritx prova li ntrema terrapien "fis-17 ta' Awwissu 2006 u fil-ġranet ta' qabel din id-data", kif jinsab akkużat l-appellat. Jiġi stabbilit illi l-kliem "fil-ġranet ta' qabel" ċertament jirrestrinġi l-perijodu għal mhux aktar minn ġimgħa.
>
> .../...
>
> 23. Ix-xiehda dwar rimi ta' materjal eżatt kif toħroġ mill-Freeport hi biss hearsay. L-ebda xhud ma nġab li xehed li ra dan ir-rimi fil-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni (fis-17 ta' Awwissu 2006 u l-ġranet ta' qabel"). X'setgħet rat ix-xhud Aimee Brincat jitgħabba fuq barkun fis-26 ta' Lulju 2006 huwa rrilevanti għax ma jaqax fil-perijodu imputat. [sottolinear ta' din il-Qorti]

15. Fil-każ odjern, jirriżulta mill-provi prodotti illi l-Pulizija għamlu tfittixija fir-residenza tal-appellant nhar is-27 ta' Settembru 2021. Mill-affidavits ta' PS 130 Roderick Farrugia u PC 1253 D. Schembri, jirriżulta illi dakinhar tas-27 ta' Settembru 2021, huma elevaw l-arma *Webley* bin-numru tas-serje 833721, u dan hekk kif mill-verifiċi illi għamlu waqt illi kienu fuq il-post, irriżultalhom illi din l-arma tan-nar qatt ma kienet reġistrata. Jirriżulta in oltre in kwantu għat-tajr ibbalzmat, illi l-vettrini li fihom instabu dawn l-għasafar ġew issiġillati sabiex eventwalment isiru l-verifiki neċessarji, b'dan għalhekk illi l-istess għasafar tħallew ilkoll fuq il-post. Mill-provi proċesswali jirriżulta wkoll illi l-ħdax-il għasfur li nstabu fil-pussess tal-appellant illegalment, ġew elevati mir-residenza

tiegħu nhar l-14 ta' Ottubru 2021, meta saru l-verifiċi neċessarji fuq it-tajr mill-Uffiċjali tal-*WBRU* u tal-*ERA*. Fir-rigward, fil-fatt ġew esebiti ir-riċevuti relattivi li ngħataw lill-appellant, ossia waħda tas-27 ta' Settembru 2021, li tirreferi għall-arma tan-nar *Webley*[1] u oħra tal-14 ta' Ottubru 2021, li tindika l-ħdax-il għasfur li ġew elevati mill-pussess tal-appellant dakinhar stess[2].

16. Il-Qorti tqis illi ċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għar-reati illi allegatament seħħew "*nhar l-14 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta tad-9.00hrs kif ukoll fil-ħinijiet u l-ġranet ta' qabel*". Fid-dawl tal-fatti riżultanti, minkejja l-argumenti tal-appellant fir-rigward tat-tjur ibbalzmati li kienu ssiġillati fil-vettrini, din il-Qorti tqis illi l-appellant m'għandux raġun u għalhekk, in kwantu l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, l-aggravju tiegħu qed jiġi miċħud. Għalkemm il-vettrini ġew issiġillati nhar is-27 ta' Settembru 2021, ma jistax jingħad illi dawn ma baqgħux fil-pussess materjali tiegħu jew illi ma kinux miżmuma minnu nhar l-14 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet ta' qabel, kif lanqas ma jista' jingħad illi l-appellant ma kellu l-ebda kontroll fuqhom, la darba kienu jinsabu ġewwa l-proprjeta` tiegħu.

17. Mill-banda l-oħra, l-appellant għandu raġun in kwantu l-arma *Webley,* li kif ingħad, ġiet elevata mill-pussess tiegħu nhar is-27 ta' Settembru 2021, b'dan għalhekk illi fl-14 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet ta' qabel din id-data (ossia sa ġimgħa qabel), l-istess arma la kienet fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu u lanqas ma ġarrha (mingħajr ma kienet approvata mill-Kummissajru tal-Pulizija), fit-termini tas-sitt imputazzjoni. Għaldaqstant, is-sitt imputazzjoni ma tinkwadrax fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni kif dedotta u l-aggravju tal-appellant in kwantu din l-imputazzjoni qed jiġi milqugħ. In oltre la darba huwa ma kienx fil-pussess tal-arma in kwistjoni nhar l-14 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet ta' qabel, lanqas ma seta' jiġi mixli talli fil-jiem hekk indikati huwa naqas milli javża lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-pussess ta' dik l-arma, u għaldaqstant, din il-Qorti qed tilqa' wkoll l-ewwel aggravju tal-appellant in kwantu s-seba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

[1] Ara a fol. 16 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 15 tal-proċess.

18. Illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, l-appellant iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dan fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Huwa jsostni illi kemm l-għasafar li ġew trasferiti lilu mingħand ħuh Alexander Briffa li miet fl-1 ta' Settembru 2018, kif ukoll l-arma *Webley* li kienet ta' ħuh Joe Briffa, li miet fis-6 ta' Ottubru 2001, ma ġewx trasferiti lilu fil-perjodu taċ-ċitazzjoni odjerna, u *semmai* kienu għandu iżjed minn sentejn qabel. Huwa jsostni illi huwa ddikjara t-tjur tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti u anke applika sabiex it-tjur li kienu ta' ħuh, Alexander Briffa, jgħaddu fuqu, iżda minkejja dan, qatt ma saru verifiki fil-konfront tiegħu mill-Uffiċjali tal-*WBRU* u tal-*ERA* qabel is-sena 2021. Kien jinkombi fuqhom illi juru illi tali tajr ġie fil-pussess tal-istess appellant, fi żmien sentejn qabel Ottubru 2021 sabiex jirriżultaw ippruvati l-imputazzjonijiet odjerni. Skont l-istess appellant, kien ukoll jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li jivverifikaw l-armi kollha u jagħmlu spezzjonijiet wara li dawn l-armi ġew trasferiti lilu b'wirt.

19. Illi jibda biex jingħad illi din il-Qorti m'hijiex se tidħol fil-kwistjoni ta' jekk is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet kinux preskritti fiż-żmien illi huwa ġie notifikat biċ-ċitazzjoni odjerna jew stante illi din id-data ma tirriżultax, fiż-żmien illi huwa deher għall-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti ossia fit-3 ta' Awwissu 2022, u dan għaliex kif ingħad iżjed 'il fuq, din il-Qorti diġa` laqgħet l-ewwel aggravju tal-appellant in kwantu s-sitt u s-seba' imputazzjonijiet.

20. Illi in kwantu l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tinnota illi l-appellant ġie akkużat bil-pussess, kontroll jew żamma ta' kampjuni tal-għasafar, ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattiv ta' xi għasfur, li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III, meta dak l-għasfur ma kienx ġie dikjarat u reġistrat mal-awtorita` kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003, u l-persuna akkużata ma kinitx fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-awtorita` kompetenti għaż-żamma ta' dak l-għasfur, u lanqas ma ġie ppruvat illi ġew meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew imrobbija bil-magħluq, bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42. Għalkemm l-appellant isostni illi huwa rreġistra t-tajr misjub fil-pussess tiegħu permezz tad-dikjarazzjonijiet magħmula minnu fis-snin 1998 u 2023, oltre illi applika għat-trasferiment lilu tat-tjur ta' ħuh fis-sena 2018, din il-Qorti tqis illi dak li jsawwar ir-reat m'huwiex daqstant in-nuqqas tar-reġistrazzjoni jew tal-

pussess tal-permess fih inniffsu, iżda l-pussess ta' tali kampjuni tal-għasafar mingħajr ma dawn ġew dikjarati sal-31 ta' Mejju 2023, jew mingħajr il-permessi neċessarji għaż-żamma tal-għasafar, oltre r-rekwiżiti l-oħra li trid il-liġi u ċioe` illi ma ġiex ippruvat illi dawn ġew meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru, jew imrobbija bil-magħluq. Hawnhekk il-Qorti qed tqis ukoll illi skont dak li jiddisponi r-Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, il-piena għall-ksur tar-Regolament 4(1)(e) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, hija dik ta' multa oltre l-konfiska tal-*corpus delicti*. Għaldaqstant, ir-reat kif ippostulat f'din l-ewwel imputazzjoni, huwa preskritt bi żmien sentejn mit-twettiq tar-reat u għalhekk la darba l-appellant kien fil-pussess illegali ta' dawk il-kampjuni ta' għasafar nhar l-14 ta' Ottubru 2021 u fil-jiem ta' qabel, fid-dawl tal-fatt illi huwa deher għall-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti nhar it-3 ta' Awwissu 2022[3], ma jistax jingħad illi l-ewwel imputazzjoni kienet preskritta.

21. Illi l-istess irid jingħad in kwantu għall-imputazzjonijiet numru tnejn, erbgħa u ħamsa hekk kif mid-diċitura tal-liġi jirriżulta ċar illi l-infrazzjoni hawnhekk ukoll tikkonsisti f'azzjoni protratta fiż-żmien. It-tieni imputazzjoni hija dik ibbażata fuq il-ksur tar-Regolament 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 li jaqra bil-mod segwenti:

> Kull min ikun fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' għasfur, jew ta' għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn kampjun, skont is-subregolarment (1) għandu jżomm fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li jdum fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

22. Minn qari tat-test tal-liġi jirriżulta illi dan ir-reat iseħħ meta jiġi ppruvat li l-appellant kien fil-pussess ta' kampjun ta' għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, meta dan ma jkunx ukoll fil-pussess tad-debiti ċertifikati u dokumentazzjoni meħtieġa li jinżammu matul iż-żmien kollu illi huwa

---

[3] In linea ma' dak deċiż fis-sentenza **Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici**, mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar il-31 ta' Ottubru 2013, fin-nuqqas ta' prova dwar id-data tan-notifika lill-appellant biċ-ċitazzjoni odjerna, bil-preżenza tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant ikkonferma n-notifika tiegħu u ssottometta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

jkun fil-pussess ta' dak l-għasfur. Il-liġi ma tissanzjonax daqstant in-nuqqas taż-żamma taċ-ċertifikat jew tad-dokumentazzjoni jew tal-permess fih inniffsu, iżda l-pussess tal-għasfur fin-nuqqas tal-osservanza tal-obbligu taż-żamma tad-dokumenti jew permessi jew ċertifikati u dan matul iż-żmien kollu li jdum fil-pussess ta' dak il-kampjun ta' għasfur. Għaldaqstant, jekk il-persuna ma jkollhiex dawn id-dokumenti jew permessi jew ċertifikati għat-tul taż-żmien kollu li hija tkun qegħda fil-pussess ta' għasfur bħal dan, hija tkun ħatja ta' din l-infrazzjoni tal-liġi, liema infrazzjoni tibqa' tippersisti sakemm tibqa' fil-pussess tal-għasfur mingħajr id-debita dokumentazzjoni. Fir-rigward issir referenza għax-xhieda ta' Gilbert Haber, in kontro-eżami, li xehed hekk:

> Difiza: Ara nkunx korrett li nghidlek li Carmel Briffa qalilkom waqt l-ispezzjoni li fl-2008 hu kien mar l-Argentina u rritorna dan it-tajr tiftakar jew le?
>
> Xhud: Ma niftakarx le, ma niftakarx li qalli hekk, niftakar li staqsejtu ghal kwalunkwe dokumentazzjoni ta' mportazzjoni specifikament, mhux għat-tajr kollu ovjament jew li seta' ġie ... lokalment f'perjodu fejn forsi ma kienx protett. Saqsejtu ghal dokumentazzjoni ta' mportazzjoni, in any case hekk dawn l-ghasafar anke li kieku ġew fl-2008 kien hemm bzonn li jinhareg ghal at least zewg ghasafar minnhom export permit, imbaghad hawn Malta jigi pprocessat import permit minn ghand l-Awtoritajiet Maltin ...
>
> ...
>
> Xhud: ... Issa dak it-tip ta' dokumenti qatt ma nhargu fil-konfront ta' dawk l-ghasafar.
>
> Difiza: Jigifieri inti ccekkjajt ma' l-Awtoritajiet Argenti li s-sur Carmel Briffa qatt inhargulu export permit, dik id-domanda?
>
> Xhud: Mela din id-data qieghda available on line, jigifieri meta pajjiz, peress li dawn huma mharsa b'dan il-mod dawn l-annessi, kull pajjiz kull sena jrid jirrapporta kemm irrilaxxja minn dawn l-ammonti u kemm hareg import permits ghalihom. Issa rispettivament fil-fatt inhareg mhux fuq isem Carmel Briffa seta'

nhareg fuq terza persuna mbaghad forsi ttrasferahielu. Imma in any case ahna mir-ricerka li ghamilna import permits ghal dik l-ispeci qatt ma nhareg hawn Malta. Issa l-import permit huwa obbligatorju anke kieku m'hemmx export mill-Argentina xorta inti ghandek bzonn l-import permit. Jigifieri l-export permit biss mhuwiex sodisafacenti.[4]

23. Jirriżulta ampjament illi dakinhar tas-27 ta' Settembru 2021, meta l-Pulizija marru jagħmlu tfittxija ġewwa r-residenza tal-appellant, huwa kien fil-pussess ta' dawn l-għasafar mingħajr ukoll ma kien fil-pussess ta' ċertifikati, permessi jew dokumentazzjoni li teħtieġ il-liġi, liema għasafar sussegwentement ġew elevati mill-*WBRU* u l-*ERA* nhar l-14 ta' Ottubru 2021, wara li saru d-debiti verifiki. Għalhekk sad-data tal-14 ta' Ottubru 2021, l-appellant kien għadu fil-pussess tal-istess għasafar, b'dan għalhekk illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax preskritta.

24. Illi jingħad illi l-istess raġunament japplika wkoll għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet erbgħa u ħamsa, kif dedotti kontra l-appellant. Fil-fatt ir-Regolamenti 7 u 8(1)(p) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.38 jitkellmu fuq iż-żamma ta' ċertifikati, permessi jew liċenzji għaż-żmien kollu li matulu persuna jkollha fil-pussess tagħha dawk l-eżemplari li l-importazzjoni tagħhom hija regolata taħt l-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja. Għaldaqstant, dak li ngħad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, japplika bl-istess mod għall-imputazzjonijiet erbgħa u ħamsa, b'dan għalhekk li lanqas dawn l-imputazzjonijiet ma huma milquta bil-preskrizzjoni.

25. Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

26. Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu, l-appellant jeċċepixxi d-difiża tan-*ne bis in idem* u dan għaliex fil-fehma tiegħu, il-ħlas li huwa vversa lid-Dipartiment tad-Dwana, skond ftehim li ġie milħuq mal-istess Dipartiment nhar l-24 ta' Frar 2022, kien ifisser illi l-awtoritajiet kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali fil-konfront tiegħu u dan in kwantu t-tajr li nstab fil-pussess tiegħu. Skont l-appellant, indipendentement minn dak li nkiteb mid-Dipartiment tad-Dwana fuq id-dokument iffirmat minnu, il-fatt illi

---

[4] Ara a fol. 105 u 106 tal-proċess.

huwa ħallas penali ossia multa amministrattiva jista' jfisser biss illi huwa aċċetta illi ma jidħolx f'litigazzjoni mad-Dipartiment konċernat, kif ukoll ma' dipartimenti oħrajn.

27. Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* huwa regolat fil-Kodiċi Kriminali taħt l-Artikolu 527[5], u huwa wkoll dritt fundamentali rikonoxxut fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[6]. Insibu wkoll fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn:

1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun hemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.

28. Minn qari tal-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta illi sabiex titqies li tkun ġiet invokata b'suċċess id-difiża tan-*ne bis in idem* jeħtieġ illi

[5] **L-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali** jaqra hekk:
Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

[6] **L-Artikolu 39(9) tal-Kosittuzzjoni** jgħid hekk:
Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.

jikkonkorru s-segwenti elementi: i) sentenza ii) ta' kundanna jew liberazzjoni iii) mogħtija fuq l-istess fatti fil-konfront ta' imputat jew akkużat. In oltre l-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq 'sentenza' u 'kawża' u kwindi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* neċessarjament jirrikjedi li tali sentenza jew deċiżjoni finali tkun ġiet mogħtija minn Qorti kompetenti jew minn Tribunal jew awtorita` oħra li tkun vestita bil-liġi bis-setgħa illi tieħu ċerti deċiżjonijiet. Għaldaqstant, mhux kull deċiżjoni, ukoll jekk meħuda minn awtorita` kompetenti, tinkwadra ruħu f'dak li trid il-liġi meta titkellem dwar 'sentenza' (Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali) u 'proċeduri' (Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta). Sabiex sentenza titqies bħala li tkun tagħmel stat ta' fatt kontra l-ġudikat, jeħtieġ li din tkun għaddiet in ġudikat u għalhekk ma tistax tiġi mibdula. Bl-istess mod l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem dwar id-dritt li persuna ma terġax tgħaddi minn proċeduri għal reat kriminali wara li fil-konfront tagħha fuq dak l-istess reat kriminali (jew reat ieħor li setgħet tinstab ħtija tiegħu fl-ewwel proċeduri) diġa` jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni fi proċeduri preċedenti meħuda quddiem Qorti kompetenti. Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li lkoll jittrattaw il-prinċipju tan-*ne bis in idem* u l-elementi li jsawruh, fosthom **Il-Pulizija vs Stephen Bonnici** (Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Settembru 2016), **Il-Pulizija vs George Azzopardi** (Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2014), u **Il-Pulizija vs Eugenio Said** (Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Mejju 1993) .

29. L-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, bħall-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jipprovdi għad-dritt ta' persuna li ma tkunx ipproċessata jew ikkastigata darbtejn fl-istess ġurisdizzjoni ta' Stat għal reat li dwaru jkun hemm diġa` deċiżjoni finali ta' liberazzjoni jew ħtija. B'rabta mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) vs Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri** tal-10 ta' Jannar 2005, fejn ġie ritenut is-segwenti:

> Din id-disposizzjoni ghandha l-ghan li, salv ghall-eccezzjoni fit-tieni inciz taghha – eccezzjoni li pero` ma hiex relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza – tassigura li persuna ma tigix assoggettata darbtejn ghal proceduri li jkunu <u>essenzjalment ta' natura penali</u> ghall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proceduri jkunu gew finalment konkluzi (cioe` l-ewwel decizjoni tkun ghaddiet in gudikat)[7]. Din id-disposizzjoni - apparti li ma tipprojbix li persuna tgħaddi proċeduri penali għall-istess reat fi Stat ieħor – ma tipprojbix li persuna tiġi proċessata darbtejn meta l-istess fatti jagħti lok għal proċeduri <u>penali u għal proċeduri ta' natura oħra</u>, bħal per eżempju, proċeduri dixxiplinari.[8] Dak li jrid jiġi determinat, għalhekk, f'dan il-kaz huwa jekk il-proċeduri li għalihom kienu sottomessi Zammit, Woods u Ahmed Esawi <u>qabel ma huma tressqu akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati</u> fit-2 ta' Marzu, 2001, u cjoe` l-proċeduri li wasslu għal, fost affarijiet oħra, "loss of remission" skond ir-Regolamenti dwar il-Ħabs, kienux sempliċement proċeduri dixxiplinari – kif jikkontendi l-Kummissarju tal-Pulizija – jew kienux fir-realta` proċeduri ta' natura kriminali jew penali.

30. Illi jirriżulta minn Dok. AM1[9], illi l-appellant ftiehem illi jħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fis-somma ta' seba' ewro (7), kif ukoll multa dovuta fit-termini tal-Artikolu 63 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-somma ta' tmien ewro (€8), liema multa ma kinitx waħda ordnata bħala piena konsegwenti għal sentenza ta' kundanna mogħtija minn Qorti kompetenti. Dan kien ftehim ta' ħlas milħuq bejn l-appellant u d-Direttur Ġenerali tad-Dwana nhar l-24 ta' Frar 2022, liema ħlas sar mill-appellant fl-istess jum[10] u għalhekk qabel il-proċeduri odjerni[11], u dan fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 63(1) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk:

> B'dak kollu li jinsab f'xi dispożizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza, <u>u mingħajr preġudizzju għal kull proċedura oħra li minnha min ikun</u>

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għal **Gradinger vs Austria** fejn ingħad hekk: "*Like the Commission, the Court observes that the Aim of Article 4 of Protocol No. 7 (P7-4) is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision.*" – ara **Gradinger v. Austria** 23 October, 1995, para. 53.

[8] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għall-***Explanatory Report to Protocol No. 7 to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms***, para. 32; u Harris D. J., O'Boyle M. u Warbrick C. ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London) 1995, p. 569.

[9] Ara fol. 100 tal-atti proċesswali.

[10] Ara r-riċevuta a fol. 103 tal-proċess.

[11] Iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-12 ta' Mejju 2022.

ghamel l-offiża jkun jista' jgħaddi skont xi liġi oħra, f'każ ta' irregolarità f'xi ċirkostanza minn dawk imsemmija fil-paragrafi li ġejjin ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju jista', bi ftehim ma' min ikun wettaq l-irregolarità, jimponi l-penali li ġejja minflok proċeduri fil-qorti [sottolinear ta' din il-Qorti]

31. L-istess ftehim ta' ħlas jgħid ukoll illi dan sar "*bla ebda preġudizzju għal xi proċedimenti separati li jistgħu jittieħdu minn xi awtoritajiet kompetenti oħra*", biex għalhekk dan jirrifletti wkoll dak ravviżat fl-Artikolu 63(1) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta mbagħad il-Pulizija pproċediet billi xliet lill-appellant bl-imputazzjonijiet tal-lum, dan għamlitu għaliex l-istess fatti taw lok għat-teħid ta' proċeduri penali dwar reati naxxenti mill-ksur ta' liġijiet oħrajn, u kwindi mhux taħt il-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

32. Jingħad ukoll illi kif ben ikkunsidrat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'referenza għall-prinċipji in materja kif enunċjati fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Mihalache vs Romania**, il-penali mposta fuq l-appellant mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ma tistax titqies li kellha l-karatteristiċi ta' piena normalment marbuta ma' proċeduri kriminali. Dawn l-istess prinċipji ġew ukoll esposti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Aquilina** tas-26 ta' Settembru 2019, fejn din il-Qorti kif diversament preseduta, irreferiet għas-segwenti ġurisprudenza u qalet hekk:

> Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daniel Farrugia** fejn ġie kkunsidrat:
>
> *'Illi minn din ix-xhieda johrog illi l-multa amministrattiva li ghandu ihallas l-appellanti minhabba n-nuqqas li jottempera ruhu mal-ligijiet fiskali hija dik ta' mhux aktar minn 250 ewro ghal kull denunzja li naqas milli jissottometti lid-Dipartiment. Illi l-hsieb tal-legislatur meta saret l-emenda ghall-artikolu 38 tal-Kapitolu 406 permezz ta'l-Att II ta'l-2009 kien fil fatt sabiex jitnehha l-iskop punittiv wara il-multa amministrattiva li sa dak in-nhar kienet qed tigi ekwiperata mal-piena kriminali billi l-multa kienet tkun gholja. L-artikolu 38 jaqra hekk illum wara l-emenda:*

*"Izda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro (€250), dik il-penali amministrattiva ma ghandhiex teccedi l-ekwivalenti tat-taxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro (€50), liema ammont ikun l-akbar, u ma ghandhiex teccedi l-mitejn u hamsin euro(€250) f'kull kaz iehor."*

*Din l-emenda dahhlet fis-sehh wara il-pronunzjament kostituzzjonali fl-ismijiet Anthony Farrugia vs Onor. Prim'Ministru et.*

*Illi in segwitu ghal tali pronunzjament u wara li giet emendata il-ligi li tirregola it-taxxa fuq il-valur mizjud kien hemm diversi sentenzi ohra li itrattaw dan il-punt fosthom David Mifsud vs Onor. Prim'Ministru u Robert Ciantar vs Onor Prim'Ministru fost ohrajn. Illi f'dawn id-decizjonijiet u dan in linja mal-pronunzjamenti gudizzjarji kemm mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja il-Qorti stqarret is-segwenti:*

*".... il-punti krucjali li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrent humiex lezivi tad-dritt tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat huma, [a] jekk il-multi amministrattivi humiex ta' certu entità li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga' gew imposti fuq ir-rikorrent u kienux ghadhom pendenti meta ttiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu.*

*Illi allura it-taxpayer ikun qed jigi issentenzjat ghat-tieni darba biss meta l-multa amministrattiva tkun tant gholja illi hija ekwivalenti ghal multa taht id-dritt penali. Huwa hawnhekk biss allura illi:*

*'229. … … … administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, <u>a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect</u>*

> *of the same facts if the first penalty is not criminal in nature” – Grande Stevens vs Italy.* [sottolinear ta’ dik il-Qorti]
>
> *Dan ifisser illi sabiex ikun hemm il-vjolazzjoni infraskritta il-multa amministrattiva trid tkun f’ammont sostanzjali tant illi tigi tixbah “a criminal penalty” biex b’hekk allura t-tehid ta’ proceduri penali mill-gdid wara l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva tkun in vjolazzjoni ta’l-artikolu 4(1) tas-Seba Protokol fejn allura il-persuna tkun qed tigi issentenzjata darbtejn ghall-istess nuqqas.*
>
> *Illi f’dan is-sens allura lanqas ma jista’ jkun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6 billi ma kienx hemm lezjoni għad-dritt tas-smiegħ xieraq meta l-appellanti ingħata l-opportunita’ li jiddefendi ruħu għall-azzjoni penali meħuda kontra tiegħu u fuq kollox għalkemm kien hemm l-imposizzjoni ta’ multi amministrativi dawn kienu baxxi u ma jistgħu qatt jkunu ekwiparati ma xi imposizzjoni ta’ multa penali b’mod arbitrajrju mill-Kummissarju meta t-taxpayer ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu għalihom. Lanqas ma jista’ jingħad illi l-imposizzjoni tal-multa amministrativa tmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalita’ billi kif ingħad illum dik il-multa applikabbli fil-konfront tal-appellanti ġiet “capped” għall-ammont ta’ 250 ewro u hija baxxa*. [sottolinear ta’ din il-Qorti]

33. Tenut kont għalhekk illi dak illi l-appellant ħallas lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana kienet is-somma ta’ €15, bil-multa tikkonsisti fis-somma ta’ €8, ma jistax jingħad illi l-multa amministrattiva kienet tekwipara ma’ xi imposizzjoni ta’ multa penali, u għalhekk it-teħid ta’ proċeduri penali fil-konfront tiegħu wara l-imposizzjoni ta’ din il-multa amministrattiva, ma jistax jingħad illi kienet in vjolazzjoni tal-Artikolu 4(1) tas-Seba’ Protokoll, fejn l-appellant kien qed jiġi sentenzjat darbtejn għall-istess nuqqas. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, dan it-tielet aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

34. Illi fir-raba’ aggravju tiegħu l-appellant jilmenta mid-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi fil-parti disposittiva tagħha, tagħti x’tifhem illi kienet qegħda tikkonfiska t-tjur. Skont l-appellant, kienet biss l-arma illi ġiet esebita formalment fis-seduta tat-3 ta’ Awwissu 2022 u l-għasafar maqbuda qatt ma ġew ippreżentati, la fiżikament u lanqas formalment

mill-Prosekuzzjoni. L-appellant isostni illi l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dak li ma jinsabx esebit fl-atti, u wisq anqas tikkunsidrah għal fini ta' konfiska. Għalhekk huwa jgħid illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkonfiskat l-għasafar li ttieħdu mir-residenza tiegħu, u talab ir-rilaxx tal-istess favur tiegħu.

35. Illi mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-ewwel Qorti nhar it-3 ta' Awwissu 2022, jirriżulta s-segwenti:

> Il-Prosekuzzjoni esebit dettalji tal-imputat Dok X, okkorrenza Dok X1, fedina penali Dok X2 u affidavit ta' PS 130 Roderick Farrugia Dok X3, sett ta' 3 ritratti Dok X4, zewg ircevuti rigward tajr li gew immarkati bhala Dok X5, vera kopja ta' ircevuta ta' arma Dok X6 li permezz taghha qed tigi pprezentata b'mod formali l-arma, affidavit ta' PC 1253 Dok X7.[12]

36. Illi jirriżulta għalhekk illi kuntrarjament għall-arma li għaliha tirreferi ir-riċevuta Dok. X6, it-tajr baqa' ma ġiex esebit fl-atti u dan anke għaliex jirriżulta mill-provi proċesswali illi la darba elevat, dan ġie mgħoddi lill-kuratur tal-Mużew Nazzjonali, kif jirriżulta kemm mill-affidavit ta' PS 130 Roderick Farrugia, kif ukoll mir-riċevuta a fol. 14 tal-atti proċesswali. Dan allura jfisser illi l-istess tajr, la darba ma baqax fil-pussess tal-Uffiċjali tal-Pulizija jew tal-Uffiċjali tal-*ERA* jew tal-*WBRU*, lanqas ma seta jiġi esebit fl-atti, la materjalment u lanqas formalment.

37. Illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tgħid hekk:

> A tenur tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u a tenur tal-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti inkluz tal-arma tal-marka Webley SN833721.

38. Veru illi bl-użu tal-kelma 'inkluż', l-ewwel Qorti tat x'tifhem illi kienet qed tikkonfiska xi ħaġa oltre l-arma tal-marka *Webley*, iżda mill-banda l-oħra, mill-kliem adoperat lanqas ma jirriżulta illi kienet qed tikkonfiska wkoll it-tjur li ġew elevati mill-pussess tal-appellant nhar l-14 ta' Ottubru 2021. In oltre huwa minnu illi la darba dan it-tajr ma ġiex esebit fl-atti

---

[12] Ara a fol. 11 tal-proċess.

proċesswali, la formalment u lanqas materjalment, u għaldaqstant baqa' mhux esebit taħt l-awtorita` tal-Qorti, ma setgħetx tiġi ordnata l-konfiska tiegħu, iżda daqstant huwa minnu illi għall-istess raġuni, lanqas ma tista' din il-Qorti tordna r-rilaxx tal-istess tajr favur l-appellant, kif mitlub minnu. Għaldaqstant, dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

39. Illi permezz tal-ħames aggravju l-appellant jillanja illi l-piena nflitta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ossia l-multa ta' elfejn ewro (€2000), minkejja li hija fil-parametri tal-liġi, hija waħda sproporzjonata u għandha tiġi riveduta sabiex tingħata fil-minimu tagħha jew inkella għandha tqarreb lejn il-minimu, u dan għaliex it-tajr illi ġie elevat mill-pussess tiegħu, kien ilu għandu snin twal.

40. Jingħad illi huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` li jirriżultalha illi tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004*, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a***

> ***somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*.” Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly excessive’. This does not, however, cast any doubt on Channell J’s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”**[13]

41. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[14]

42. Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmen Butler** tas-26 ta’ Frar 2009, fejn il-Qorti qieset illi:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel qorti) li kien jincidi b’mod partikolari fuq il-piena.

[13] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45

[14] Ara f’dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta’ Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

> S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

43. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, wara li rat ir-Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, ir-Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.38 u l-proviso tal-Artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tqisx illi l-multa kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet waħda eċċessiva jew sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Madanakollu, la darba din il-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju tal-appellant in kwantu s-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, se jkun hemm temperament fil-piena erogata. Hawnhekk il-Qorti żżid tgħid illi minkejja n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-appellant dwar is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, din il-Qorti xorta se tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu ordnat il-konfiska tal-arma tal-marka *Webley* SN833721, u dan fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 23(3) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:

> Fil-każ ta' oġġetti li l-manifattura, użu, ġarr, tiżmim jew bejgħ tagħhom huwa reat, il-konfiska tagħhom tista' tkun ordnata mill-qorti għalkemm ma jkunx hemm kundanna u għalkemm dawk l-oġġetti ma jkunux tal-akkużat.

44. La darba t-tiżmim tal-arma in kwistjoni kien bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u jikkostitwixxi reat fit-termini tal-Artikolu 51(2) tal-istess Kap. 480, l-arma *Webley* SN833721 xorta waħda hija soġġetta għall-konfiska taħt din id-disposizzjoni tal-liġi, u dan mingħajr il-ħtieġa ta' kundanna.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' *in parte* l-appell interpost minn **Carmel BRIFFA** u tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

i) Tikkonfermaha fil-parti fejn l-appellant instab ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, kif ukoll fil-parti fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu;

ii) Tikkonfermaha fil-parti fejn ġiet ordnata il-konfiska tal-arma tal-marka *Webley* SN833721;

iii) Tikkonfermaha fil-parti fejn ġiet ordnata s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess relevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi għall-perjodu ta' sentejn, liema perjodu għandu jibda jiddekkorri mil-lum;

iv) Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, u minflok issib lill-appellant mhux ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet u tilliberah minnhom;

v) Tirrevokaha fil-parti fejn l-appellant ġie kkundannat għal piena ta' multa ta' elfejn ewro (€2,000) u minflok wara li rat ir-Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, ir-Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.38 u l-Artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għal piena ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), li fit-termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**